**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000**
Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 3** | **STUDJI SOĊJALI (OPTION)** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Taqsima A**
**<u>Agħti tifsira ta' dawn il-kliem:</u>**

1. Identita': ______________________________

2. Kontroll Soċjali: ______________________________

3. Attitudni: ______________________________

4. Refuġjati: ______________________________

5. Rwol: ______________________________

6. Folklor: ______________________________

7. Valuri: ______________________________

8. Interazzjoni Soċjali: ______________________________

9. Status: ______________________________

10. Kuxjenza Soċjali: ______________________________

**( 20 marka )**

**TAQSIMA B**
**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1 a. X'tifhem b'saħħa? (3)

b. Agħti 3 eżempji ta' servizzi tas-saħħa li nsibu f'Malta. (3)

c. Is-Soċjeta' Maltija qed tipprovdi ħafna servizzi għal persuni b'diżabilita'. Semmi servizz wieħed u fisser l-għan tiegħu. (4)

d. L-istil ta' ħajja li ngħixu għandu effett fuq saħħitna. Għid kif u għaliex. (6)

2 a. X'tifhem bil-kelma 'peer group'? (2)

b. Agħti 3 eżempji ta' gruppi oħra li tagħhom jistgħu jkunu membri n-nies. (3)

c. Għaliex hu importanti għall-individwu li jkun membru ta' dawn il-gruppi? (3)

d. Agħżel grupp li taf sewwa u ddeskrivi l-modi kif il-membri tiegħu jinfluwenzaw u jikkontrollaw lil xulxin. (6)

**( 30 marka )**

**TAQSIMA Ċ**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**



Il-qawl Ċiniż jgħidilna biex ma tagħtix ħuta lil dak li jitolbok jiekol għax bil-ġuħ, iżda biex tagħtih qasba u tgħallmu jistad.

Dan l-appell għamlitu aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti meta wissiet li iktar minn 130 miljun tifel u tifla, ta' eta' ta' l-iskola primarja, m'għandhomx aċċess għal edukazzjoni bażika.

Ir-rapport ta' l-UNICEF, 'The State of the World's Children 1999', jgħid li fid-dinja hawn mal-biljun ruħ li huma illitterati.

Il-UNICEF tikkritika bl-aħrax lill-pajjiżi sinjuri li huma ħorox mal-pajjiżi midjunin magħhom u tgħid li dan id-dejn mhux iħalli li jkun hemm nefqa adekwata għall-edukazzjoni.

Id-dritt ta' l-edukazzjoni kien inkluż fid-Dikjarazzjoni Universali tal-Jeddijiet tal-Bniedem u ġie msaħħaħ fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, iffirmata fl-1989.

1. X'inhu s-sinifikat tal-qawl Ċiniż imsemmi hawn fuq? (2)
2. X'inhi l-UNICEF? (2)
3. a. X'tifhem bil-kelma 'illitterati'? (2)
b. Agħti 3 raġunijiet għaliex fid-dinja għad hawn daqstant nies illitterati? (3)
4. Id-dritt ta' l-edukazzjoni nsibuh fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal. Semmi 3 drittijiet oħra li ssib f'din il-Konvenzjoni. (3)
5. Spiss nisimgħu bi tfal li mhumiex qegħdin igawdu d-drittijiet l-aktar bażiċi fil-ħajja. Agħti 3 eżempji ta' kif it-tfal fid-dinja għadhom qed ibatu minkejja din il-Konvenzjoni. (3)
6. Ma' kull dritt hemm marbuta xi responsabbilta'. Agħżel 5 drittijiet li għandek u ikteb x'inhuma r-responsabbiltajiet marbuta ma' kull wieħed. (10)

**( 25 marka )**

**TAQSIMA D**

**<u>Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb mhux inqas minn 250 kelma dwaru:</u>**

1. "Ħafna nies iħossu li l-media qed ikollha influwenza kbira fuq il-ħajja tagħna." Taqbel int? Għid għaliex.
2. Ir-responsabbiltajiet li lkoll kemm aħna għandna fil-komunita'.
3. Immaġina li fl-iskola tiegħek ser jidħol/tidħol student/a b'diżabilita'. Taħseb li l-iskola tiegħek tista' tilqa' persuni bħal dawn? X'tissuġġerixxi li għandu jinbidel fl-iskola tiegħek? Għid għaliex.
4. Ftit xhur ilu smajna bil-każ tal-vapur reġistrat Malta, 'Erika', li ġġarraf ftit 'il barra mill-kosta Franċiża u bil-ħsarat li saru bit-tixrid taż-żejt. Iddeskrivi l-ħsara ambjentali. X'miżuri jittieħdu biex tiġi salvata is-sitwazzjoni?
5. Kull kultura għandha d-drawwiet tagħha. Immaġina li għandek ħabib/a li d-drawwiet tal-familja tiegħu/tagħha huma differenti ħafna minn tiegħek. Ikteb djalogu bejnek u l-ħabib/a tiegħek fejn ser tirrakkuntaw lil xulxin id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tal-familji tagħkom.

**( 25 marka )**